MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 664/2004

**Atlas Insurance Limited (C – 5601) f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghhom D. Tanti & Co. Ltd. (C – 236), abbazi tal-ligi u tal-polza ta' assikurazzjoni u b'digriet datat is-16 ta' April, 2007 l-isem tas-socjeta` attrici issa sar Atlas Insurance p.l.c.**

**vs**
**Cassar & Cooper (S&I) Limited (C – 424)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-2 ta' Settembru, 2004, li permezz taghha s-socjeta` attrici ippremettiet sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` konvenuta kienet ikarigata iggorr merkanzija tas-socjeta` *D. Tanti & Company Limited* lejn Malta;
1.2. Illi l-merkanzija waslet Malta fil-15 ta' Marzu, 2004;

1.3. Illi meta s-socjeta` konvenuta giet biex tikkonsenja l-merkanzija *de quo* lis-socjeta` *D. Tanti & Company Limited*, irrizulta li kien hemm diversi nuqqasijiet;

1.4. Illi dawn in-nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet f'idejn is-socjeta` konvenuta;

1.5. Illi *ai termini* tal-polza assiguratrici ta' bejniethom, is-socjeta` attrici kellha tindennizza lis-socjeta` assigurata ghad-danni lilha ikkagunati;

1.6. Illi ghalhekk, is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` minnha assigurata;

1.7. Illi rizultat tas-suespost is-socjeta` attrici hallset is-somma ta' disat elef, hames mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu, (LM9,541.86), oltre, mija u tlett Liri Maltin, (LM103.00), spejjez tas-*survey* relattiv;

1.8. Illi nonostante li interpellata, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici aderiet din il-qorti biex is-socjeta` konvenuta jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.9.1.Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta` attrici u ghad-danni relattivi;

1.9.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` attrici u l-ispejjez konsegwenzjali fl-ammont globali ta' disat elef, sitt mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu, (LM9,644.86), jew somma verjuri;

1.9.3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif indikata fil-paragrafu precedenti, jew somma verjuri ghad-danni sofferti u sburzati mis-socjeta` attrici li ghalihom hi responsabbli s-socjeta` konvenuta;

1.9.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-2 ta' Novembru, 2004, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.2. Illi s-socjeta` konvenuta agixxiet bil-hila u d-diligenza rikjesti;

2.3. Illi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghat-telf tal-merkanzija in dizamina stante li din intilfet ghal ragunijiet li hi ma setghetx tevita u li ghalihom ma kellha l-ebda tort;

2.4. Illi s-socjeta` attrici ghad trid tipprova l-*quantum* tad-danni minnhom riklamati;

2.5. Illi s-"*survey fees*" m'humiex reklamabbli;

2.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Cassar & Cooper (S&I) Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited, (Citazzjoni Numru 135/05), datat is-16 ta' Mejju, 2005**, li permezz tieghu laqghet it-talba lilha hemm proposta, u ordnat li l-kawza odjerna tigi mismugha mal-istess kawza hawn indikata, (ara fol 39 tal-kawza hawn indikata), u li referenza ghall-istess issir fil-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Novembru, 2005, (ara fol 78 et sequitur);

4. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti jipprezentaw it-trattazzjoni taghhom bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 115);

5. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati z-19 ta’ Settembru, 2012, u t-30 t’Ottubru tal-istess sena, (ara fol 118 u 128);

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

7. Hadet in konsiderazzjoni l-evidenza kollha mismugha u esebita fil-proceduta indikata precedentement, (ara paragrafu numru tlieta (3) aktar qabel);

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju, u biex jigi evitat aktar dilungar inutili min dak gia` riskontrat, din il-qorti qed taghmel ampja referenza ghall-analisi fattwali u gurisprudenzjali kif espost fid-decizjoni taghha moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet gia` precedentement indikati Cassar & Cooper (S&I) Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited, (Citazzjoni Numru 135/05) u qieghda ghalhekk tiddikjara li qed tistrieh fuq l-istess analisi fattwali hemm sancit;

Ikkonsidrat:

10. Illi hawnhekk pero` il-vertenza in dizamina, ghalkemm naxxenti mill-istess incident f’Genova l-Italja, hi differenti stante li hi esklussivament limitata ghal risarciment assigurattiv wara li s-socjeta` attrici hallset ghad-danni subiti mis-socjeta` minnha assigurata u minnha, debitament surrogata fid-drittijiet taghha;

11.0. Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

11.1. Illi l-ispejjez tal-merkanzija misruqa u tas-“*survey*” relattiv in dizamina li taghhom ghamlet ghalihom is-socjeta` attrici jammontaw ghal tnejn u ghoxrin elf, erba’ mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€22,466.48);

11.2. Illi s-socjeta` konvenuta kienet giet inkarigata mit-trasport tal-istess mill-Italja ghal Malta;

11.3. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kif esebiti fil-procedura odjerna, is-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-l-istess;

11.4. Illi anke fid-dawl tal-kazistika riferita fil-kawza kontigwa ma' dik odjerna, (ara paragrafu numru disgha (9) aktar qabel), din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u ma tifhimx kif dik konvenuta ma talbitx il-kjamata in kawza tas-socjeta` li hi kienet qabbdet ghall-garr effettiv tal-merkanzija *de quo*;

**DECIDE:**

12.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

12.1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited hi responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta` attrici Atlas Insurance p.l.c.;

12.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` attrici u l-ispejjez konsegwenzjali fl-ammont globali ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€22,466.48);

12.3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta fuq indikata thallas lis-socjeta` attrici hemm ukoll indikata s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

12.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-2 ta' Settembru, 2004, sad-data tal-pagament effettiv.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------